MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 834/2011

**Anthony Spiteri ID 489257M**

**vs**

**PF Steel Ltd. C 45128**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat ta’ Anthony Spiteri fejn gie premess:-

Illi permezz ta’ Ittra Ufficjali ipprezentata minn PF Steel Ltd nhar l-20 ta’ Lulju 3011 ai termini ta’ l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta’ PF Steel Ltd (PF Steel), resqet talba quddiem dina l-Qorti ghar-registrazzjoni tal-istess ittra bhala Titolu Ezekuttiv kontra Anthony Spiteri personalment, a bazi ta’ hames kambjali

allegatment mahruga mill-esponent a favur ta' PF Steel fis-somma ta' mitejn elf Euro (Euro 200,000). Kopja tal-ittra ufficjali qed tigi anessa u mmarkata Dok. A.

Illi l-esponent qieghed jirrikorri ghall-procedura dettata mill-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jirregistra opposizzjoni ghall-eskuzzjoni tal-kambjali u jitlob sospensjoni ta l-istess u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

It-Traent indikat fuq il-kambjali hija s-socjeta' Tal-Herba Construction Limited C14138 (indikata bhala 'Tal-Herba Cons' fuq il-parti xellugija tal-kambjali), socjeta' validament registrata taht il-Ligijiet ta' Malta u persuna guridika ghal kollox separata u distinta minn Anthony Spiteri. Anthony Spiteri huwa direttur ta' l-istess socjeta' u l-kambjali gew iffirmati minnu ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Tal-Herba Construction. Ghalhekk u minghajr pregudizzju ghas-segwenti, l-esekuzzjoni tal-kambjali semmai tista ssir biss kontra s-socjeta' Tal-Herba Construction Limited u mhux kontra Anthony Spiteri personalment.

Is-socjeta' Prenditrici PF Steel hija ben konsapevoli tal-fatt illi kwalsiasi talba ghal hlas minnha pretiz ghandha tigi diretta kontra Tal-Herba Construction Limited u mhux kontra Anthony Spiteri personalment. In-negozju sar bejn PF Steel u Tal-Herba Construction Limited. Dan kif indikat fi proceduri intavolati mill-istess Prenditrici PF Steel quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Riferenza qed issir ghal:

(i) Mandat ta' Inibizzjoni intavolat kontra s-socjeta' Tal-Herba Construction fl-ismijiet "PF Steel Ltd v. Tal-Herba Construction Ltd" (Mandat Numru 794/2011). Kopja tad-decizjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. B) u
(ii) Kawza dwar il-mertu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "P.F Steel Ltd v. Tal-Herba Construction

limited C 14183" (Rikors Guramentat 421/2011) ippreseduta mill-Imhallef Carmel Farrugia Sacco. Kopja tar-rikors guramentat qed jigi anness u mmarkat Dok. C.

L-ammont pretiz, ghalkemm indikat f'kambjali, qed jigi kkontestat bir-reqqa minn Tal-Herba Construction Limited stante illi diversi xogholijiet u materjali illi thallsu bil-quddiem, ma gewx suppliti lil Tal-Herba Construction Limited. Is-socjeta' PF Steel hija ben konsapevoli ta' dan – fatt li rrizulta ukoll waqt il-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni u ukoll qabel l-ewwel seduta tal-kawza dwar il-mertu. Ghalhekk PF Steel qed tittenta li tirrendi ezekuttiv titolu ghal ammont illi taf illi huwa kkontestat u illi in piu' ma huwhiex dovut minn Anthony Spiteri personalment.

L-ammont indikat fuq il-kambjali jiffurmaw mertu ta' proceduri gia pendenti quddiem dawn il-Qrati liema proceduri ghadhom sa llum pendenti u sejrin jigu kkontestati. Hekk ukoll, PF Steel indirizzat dawn il-proceduri kontra Tal-Herba Construction Limited mhux kontra Anthony Spiteri personalment proprju ghaliex PF Steel hija konsapvoli tal-fatt illi Anthony Spiteri personalment huwa ghal kollox estraneu ghan-negozju u l-unika relazzjoni guridika li tezisti hija esklussivament mas-socjeta' Tal-Herba Construction Limited.

L-ittra ufficjali odjerna tikkostitwixxi abbuz serju minn PF Steel u hija intiza sabiex tikseb hlas minn persuna terza (Anthony Spiteri) ghal parti minn ammont pretiz minnha kontra s-socjeta' kreditrici u b'hekk tissorpassa il-kors tal-gustizzja illi gia giet mibdija minn kawza intavolata mill-istess PF Steel. Hekk ukoll, ma hemmx dubbju illi l-ittra ufficjali odjerna hija manuvra sabiex PF Steel tikseb opportunita' tezegwixxi titolu illi tippretendili ghandha kontra l-assi personali ta' Anthony Spiteri u dan stante illi t-tentattivi kontra Tal-Herba Construction Limited, sfaw kompletament intuli.
Illi fl-eventwalita' illi s-socjeta intimata PF Steel tottjeni Titolu Ezekuttiv kontra Anthony Spiteri personalment, Anthony Spiteri isofri pregudizzju irrimedjabbli, konsegwenza ta' kreditu illi mhux biss huwa kkontestat u jifforma mertu ta' kawza pendenti izda in piu' ma huwhiex

minnu dovut kif rikonoxxut kemm fl-istess kambjala kif ukoll fil-proceduri intavolati mil-istess PF Steel.
Illi ghar-ragunijiet suesposti huwa manifest li l-procedura addottat mis-socjeta' intimata hija vessatorja u kwindi jissussistu ragunijiet gravi u validi ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-kambjali de quo.

Ghalhekk ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghas-suespost, jitlob illi dina l-Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni ta-kambjali mertu ta' l-ittra ufficjali fl-ismijiet "PF Steel Ltd C45128 v. Anthony Spiteri ID 489257M" ai termini ta' l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ipejjez kontra s-socjeta' intimata.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' PF Steel Ltd. fejn gie sottomess:-

Illi l-istess socjeta' fl-20 ta' Lulju, 2011 ipprezentat fil-Qorti ittra ufficjali kontra Anthony Spiteri ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex trendi hames kambjali fil-valur totali ta' mitejn elf ewro (€200,000) li ghandha fil-pussess taghha  bhala titolu ezekuttiv.

Illi Anthony Spiteri fis-26 ta' Awissu, 2011 ipprezenta rkors sabiex ai termini tal-istess artikolu fuq citat jirregistra opposizzjoni ghal-esekuzzjoni tal-kambjali da parti tas-socjeta PF Steel u talab lill istess Qorti sabiex tisospendi dan ghar ragunijiet elenkati fl-istess rikor.

Illi s-socjeta PF Steel Ltd qeghda permezz tas-segwenti twiegeb ghal kull oposizzjoni ipprezentata mir-rikorrrent:-

Anthony Spiteri jallega li it-traent indikat fuq il-hames kambjali hija s-socjeta Tal-Herba Construction Limited. Dan ma huwiex minnhu. It-traent huwa Anthony Spiteri. L-hames kambjali in kwistjoni lkoll juru li hdejn il-kelma stampata 'AT' hemm miktub 'Tal-Herba Cons'. Il-kliem 'Tal-Herba Cons' jindikaw biss il-lok fejn il-kambjala

ghandha tigi migbuda. Fejn hemm stampat il-kelma ‘TO’ hemm biss il-firma ta’ Anthony Spiteri li turi bic-car minn min dik il-kambjala ghandha tithallas. Li kieku it-traent kienet is-socjeta Tal-herba Construction Ltd, l-isem tas-socjeta kien ikun miktub fil-parti tisfel tal-kambjala fen jigi identifikat l-isem ta’ minn qed jaghti l-kambjala, liema persuna tkun obbligata tonora l-hlas tal-istess somma indikata fuq il-kambjala. Fi-kaz talhames kambjali ma hemmx l-isem tas-socjeta Tal-Herba Construction Ltd, izda l-firma ta’ Anthony Spiteri li tindika minghajr ebda dubju li Anthony Spiteri huwa t-traent. Ghaldaqstant is-socjeta PF Steel Ltd kienet korretta meta ipprezentat l-ittra ufficjali taghha kontra Anthony Spiteri.

Il-kwistjoni odjerna hija palesament azzjoni kambjarja u ghalhekk regolata mill-artikoli 123 et seq tal-Kodici tal-Kummerc. Nonostante dak li qed jghid ir-rikorrenti li r-rikors odjern ghandha tigi trattata bhala azzjoni kambjarja. Il-Qrati dejjem irritenew illi fl-azzjoni kambjarja huwa permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjarji in kwantu jallega li dawn ikunu monki f’xi wahda mill-elementi kostituttivi essenzjali taghhom kif trid il-ligi.

Fil-kaz in kwistjoni r-rikorenti, Anthony Spiteri, mhux qed jallega li hemm xi difett fil-kambjali u ghaldaqsant l-ispjegazzjoni ta’ kif sar in-negozju bejn PF Steel Ltd u Tal-Herba construction Ltd huwa totalment irrilevanti f’kaz ta’ azzjoni kambjarja. Kif jghid tajjeb ir-rikorrenti fir-rikors tieghu, dwar in-negozju li sehh bejn PF Steel Ltd u Tal-Herba Construction Ltd hemm proceduri ohra pendenti quddiem Qorti diversament preseduta – rikors guramentat numru 421/2011 – dik il-Qorti se tiddeciedi dwar il-mertu tat-transazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet li ma hijiex azzjoni kambjarja kif din il-Qorti ghandha quddiemha.

Illi hu minnhu li PF Steel ikkonsenjat kwantita ta’ hadid ta’ kostruzzjoni lil Tal-Herba Construction Ltd fl-ammont ta’ €422,000, izda huwa minnhu wkoll li stante li s-socjeta tieghu billi jaghti a favur tas-socjeta PF Steel Ltd hames kambjali fil-valur ta’ erbghin elf ewro (€40,000) il-wiehed sabiex ikopru nofs l-ammont dovut tal-merkanzija. Ma l-istess kambjali kienu inghataw ukoll cekkijiet mahruga minn mart Anthony Spiteri – Rita Spiteri, li dawn ma gewx accettati mill-bank stante li ma kienx hemm fondi fil-kont bankarju. Ghaldaqstant huwa evidenti mill-fatti stess kif sehhew li Anthony Spiteri personalment ipprezenta u obbliga ruhu li jhallas l-ammont indikat fuq il-kambjali lil PF Steel Ltd.

PF Steel Ltd kienet minn dejjem konxja tal-fatt li s-socjeta Tal-Herba Construction Ltd ghandha diffikultajiet finanzjarji u r-rizultat ta’ dan hemm elenku twil ta’ kredituri u proceduri gudizzjarji kontra taghha. Ghal din ir-raguni PF Steel Ltd accettat li tikkonsenja hadid lil Tal-Herba construction Ltd kemm il-darba Anthony Spiteri personalment jiggarantixxi l-hlas dovut u dan billi jinhargu kambjali minn Anthony Spiteri lil PF Steel Ltd, kif sehh fil - verita.

Anthony Spiteri ma jsitax jghid li gia la darba n-negozju sehh bejn PF Steem Ltd u Tal-Herba Construction LTd ghandha tkun din ta’ l-ahhar li tonora l-obbligi naxxenti mill-kambjali. Dan l-argument huwa ghal kollox falaci. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ghandha tara min huma l-partijiet indikati fuq il-kambjali in kwistjoni. Il-hames kambjali in kwistjoni f’dik il-parti fejn ghandu jigi ndikat l-isem tat-traent hemm il-firma ta’ Anthony Spieteri. Ir-rikorrent ma iffirmax ghan-nom ta’ xi socjeta, iffirma fil-kapacita tieghu personali.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta intimata PF Steel Ltd titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tichad it-talbiet kollha ta’ Anthony Spiteri bl-ispejjez u tikkonferma l-ezekuzzjoni fil-konfront tieghu tal-kambjali.

Semghat lir-rikorrenti Anthony Spiteri.

Semghat lix-xhud Pawlu Falzon imsejjah mir-rikorrenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta' intimata.

Rat l-att l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti.

Rat li r-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment finali.

Ikkonsidrat:-

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti Anthony Spiteri jaghmel referenza ghall-ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju 2011 mibghuta lilu mis-socjeta' intimata PF Steel Ltd. ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-istess ittra ufficjali s-socjeta' intimata taghmel referenza ghal hames kambjali allegatament iffirmati u mahruga mir-rikorrent a favur tas-socjeta' intimata ghall-ammont konsiderevoli 'l fuq minn mitejn elf euro (€200,000).

Bl-istess ittra ufficjali s-socjeta' intimata uriet l-intenzjoni taghha li tesegwixxi l-imsemmija kambjali bhala titolu esekuttiv. Bil-presenti rikors ir-rikorrenti, ai termini tal-istess artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jirregistra l-opposizzjoni tieghu ghall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali u qed jitlob is-sospensjoni tal-eskuzzjoni tal-istess kambjali peress li, skond huwa, t-traent indikat fuq il-kambjali in kwestjoni mhux hu izda hi s-socjeta' Tal-Herba Construction Limited (indikata fuq il-parti xellugija tal-istess kambjali bhala 'Tal-Herba Cons.'). Ir-rikorrent jikkonferma li hu direttur tal-istess socjeta' Tal-Herba Construction Limited u li l-kambjali in kwestjoni huma iffirmati minnu pero' mhux personalment izda ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta'. Skond ir-rikorrent l-eventwali esekuzzjoni tal-kambjali tista ssir biss kontra l-imsemmija socjeta'. Ir-rikorrent inoltre kkonferma li n-negozju rilevanti li wassal ghal hrug tal-kambjali in kwestjoni sar bejn is-socjeta' intimata u l-imsemmija

socjeta’ Tal-Herba Construction Limited. In effett is-socjeta’ intimata inizjat proceduri gudizzjarji ohra fir-rigward ta din il-pretensjoni taghha u dawn il-proceduri saru kollha kontra Tal-Herba Construction Limited. Ir-rikorrenti hawn ghamel referenza ghal Mandat ta’ Inibizzjoni numru 794/2011 u kawza ohrqa cioe’ r-rikors guramentat numru 421/2011.

Ir-rikorrent irrileva ukoll li l-ammont pretiz fl-istess ittra ufficjali qed jigi kkontestat stante illi, dejjem skond ir-rikorrenti, diversi xogholijiet u materjali illi thallsu bil-quddiem, ma gewx suppliti lil Tal-Herba Construction Limited. Ir-rikorrenti jsostni li s-socjeta’ hi konsapevoli ta’ din il-kontestazzjoni li giet sollevata ukoll fl-imsemmija proceduri l-ohra. Ir-rikorrent jissottometti li jekk eventwalment l-imsemmija kambjali jigu esegwit kontra tieghu hu ser isofri pregudizzju irrimedjabbli stante li in effett l-ammonti in kwestjoni zgur li mhux dovuti minnu personalment. Ir-rikorrent jissottometti li din il-procedura in kwestjoni adottata mis-socjeta’ intimata kontra tieghu hi vessatorja u ghalhekk hemm ragunijiet validi ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjali. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha r-rikorrenti qed jitlob li tigi ordnata s-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta-kambjali u dan ai termini ta’ l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fir-risposta taghha s-socjeta’ intimata tissottometti li in effett, kuntrarjament ghal dak li qed isostni r-rikorrenti, t-traent fuq il-kambjali hu l-istess rkorrenti. Fuq il-kambjali hdejn l-ittri stampati ‘AT’ hemm miktub ‘Tal-Herba Cons.’ Skond is-socjeta’ intimata l-imsemmija kliem jindikaw biss il-lok fejn il-kambjali ghandhom jigu migbuda. Fejn hemm stampati l-ittri “TO” hemm biss il-firma ta’ Anthony Spiteri r-rikorrent. Dejjem skond is-socjeta’ intimata dan juri bic-car li t-traent hu r-rikorrenti u kwindi l-kambjali ghandhom jithallsu mill-istess rikorrenti.

Is-socjeta’ intimata tissottometti li l-presenti kwestjoni bejn il-partijiet hi azzjoni kambjarja regolata mill-artikoli 123 et seq al-Kodici tal-Kummerc. Skond il-ligi u l-gurisprudenza fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita’ formali tal-kambjali. F’dan il-kaz

mhux qed isiru tali kontestazzjonijiet. Is-socjeta’ intimata tissottometti ukoll li n-negozju li wassal ghal hrug tal-kambjali hu kmpletament irrilevanti ghall-finijiet tal-kambjali u ghalhekk ukoll ghall-finijiet tal-presenti proceduri.

Is-socjeta’ intimata tkompli tissottometti li in vista tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tas-socjeta’ rappresentata mir-ririkorrenti cioe’ Tal-Herba Construction hi accettat li tikkonsenja il-merkanzija lill-istess socjeta’ bil-kondizzjoni li r-rikorrent Anthony Spiteri personalment jiggarantixxi l-hlas relattiv dovut u dan billi jinhargu l-kambjali in kwestjoni. Il-kambjali in kwestjoni f’dik il-parti fejn ghandu jigi ndikat l-isem tat-traent hemm il-firma ta’ Anthony Spieteri. Dan jindika ukoll li r-rikorrent ma iffirmax ghan-nom ta’ xi socjeta, izda ffirma fil-kapacita’ tieghu personali.

Ikkonsidrat:-

Ir-rikorrenti qed jibbaza l-imsemmija talbiet tieghu fuq zwag kawzalijiet u cioe’ (i) li huwa m’ghandux jitqies li hu t-traent u li hareg il-kambjali in kwestjoni u kwindi hu personalment mhux responsabbli versu l-iserss socjeta’ intimata ghal hlas tal-ammonti indikati fl-istess kambjali u (ii) l-ammonti indikati fil-kambjali mhux dovuti kollha peress li kien hemm xi materjali li ma gewx in effett suppliti. Ghar-rigwrd tal-imsemmija tieni kawzali tar-rikorrenti ghandu jinghad li l-ammonti li huma effettivament dovuti ma jistghu qatt jigu decizi f’dan l-istadju u semmai ghandom jgu decizi fi proceduri ohra. Inoltre kif sewwa irrilevat is-socjeta’ intimata hawnhekk si tratta ta’ kambjali u per principio mhux ammess li jigu kontestati l-ammonti indikati fuq l-istess kambjali. Kwindi hu zgur li t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu qatt jigu milqiugha a bazi tal-imsemmija tieni kawzali.

Dwar l-ewwel kawzali jista jinghad li l-kliem “Tal-Herba Cons” hu imnizzel biss
fuq il-kambjali kollha in kwestjoni wara l-ittri stampati “At.” Hu zgur li l-imsemmija kliem ma jindikawx li t-traent hi, kif qed isostni r-rikorrenti, s-socjeta Tal-Herba Construction Limited. Fl-ewwel lok l-isem tas-socjeta’ li taghha r-

rikorrent hu direttur u azzjonista mhux “Tal-Herba Cons” izda “tal-Herba Construction Limited.” Ghalhekk l-imsemmija socjeta’ tar-rikorrenti mkien ma tissemma fuq il-kambjali in kwestjoni. Fuq il-kambjali kollha hemm il-firma tar-rikorrenti pero’ mkien ma hemm indikat li r-rikorrenti qed jiffirma ghan-nom u in rappresentanza tal-imsemmija socjeta’ ghalhekk ghandu jitqies li r-rikorrenti ffirma f’ismu proprju.

F’dan ir-rigward trid issir referenza ghall-artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc, Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi dwar l-forma tal-kambjala u jelenka dak kollu li ghandu jkun fiha l-kambjala. Dawn huma “d-data, l-lok fejn tigi migbuda, s-somma li ghandha tithallas, l-isem ta’ dak li ghandu jhallas, u l-isem ta’ dak li lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu isir il-hlas, iz-zmien u l-lok tal-hlas u l-valur moghti fi flus, f’merkanzija, f’kont jew f’kull mod iehor, u ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha. In vista ta’ dawn il-provedimenti l-ligi trid, fosta affarijiet ohra, li t-traent jew min jigbed il-kambjala jiffirma l-istess kambjala. Fil-kambjali in kwestjoni hemm biss il-firma tar-rikorrenti li ghalhekk ukoll ghandu jitqies li hu t-traent.

Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess it-talbiet tar-rikorrenti jisthoqqilhom li jigu rigettati bl-ispejjez kontra tieghu u dan peress li ma jirrizultawx sufficjentement ragunijiet validi biex tigi sospiza l-esekuzzjoni tal-kambjali in kwestjoni.

Ghal dawn il-motivi:-

Tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi tichad l-istess talbiet.

Spejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------